**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2002**

Avviz numru 9/1997

Renzo Farrugia

-vs-

Ray Agius

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz prezentat fit-30 ta' Jannar 1997 permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni T-zero, zero, seba' tnejn (T-0072) misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra L-sitta, tnejn, tlieta, tmienja (L-6238) misjuqa mill-attur Renzo Farrugia u proprjeta' ta' l-istess, ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 27 ta' Novembru 1996, ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1997 u dik ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas relattiv.

Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi d-danni reklamati mill-attur ma jaccedux is-seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm750).

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat illi l-konvenut oppona t-talba billi eccepixxa li:

L-incident de quo gara unikament htija tan-negligenza, imperizja u non-kuranza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur u ghalhekk m'ghandu xejn xi jhallas lill-attur, kif jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dina l-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' sentenza moghtija illum stess fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz numru 23/97) ir-responsabbilita' ta' l-incident de quo giet interament impoggiha fuq Ray Agius.

Illi ghalhekk permezz ta' dan il-gudikat;

Il-Qorti sejra tillikwida d-danni dovuti lill-attur f'din il-kawza (Renzo Farrugia) li sofra fil-vettura tieghu L-6238 kawza ghal dan l-incident.

F'dan ir-rigward l-avviz isemmi "id-danni reklamati mill-attur ma jaccedix is-seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750)".

A folio 17 fl-atti ta' l-avviz tal-kawza numru 23/97 d-danni sofferti jammontaw ghal sitt mija sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm667.42).

Ghalhekk u filwaqt li qed tiddikjara lill-konvenut interament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu l-kawza.

Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu.(Lm667.42) bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u l-ittra interpellattorja.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur